**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Frar 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 213/2017 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 577/2014 u fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 428/16, fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 429/16, fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 430/16, u fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 431/16**

**fl-ismijiet :-**

**Decorative Concrete Services Limited (27994)**

***kontra***

**Marinelli Costruzioni SpA (OC 537)**

**Il-Qorti:**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta` Decorative Concrete Services Limited (C 27994)ipprezentat fis-8 ta` Marzu 2017 li jaqra hekk :–

*Illi wara diversi Mandati ta` Sekwestri mahruga minn diversi kredituri tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), giet depozitata fir-registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma komplessiva ta` tliet mija wiehed u disghin elf mija hamsa u disghin ewro u tnejn u sittin centezmi (€391,195.62) permezz ta` numru ta` cedoli hawn taht imsemmija :*

*a. Cedola ta` depozitu numru 428/16 tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru numru 1605/11 fl-ismijiet Vitruvius Ltd. (C42348) vs. Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), li kopja taghha qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. `DCS 1`, li permezz taghha giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` tliet mija u erbatax –il elf, sitt mija u sitta u sebghin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€314,676.26).*

*b. Cedola ta` Depozitu numru 429/16 tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 442/12 fl-ismijiet V & C Contractors Limited (C 13748) vs. Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), li kopja taghha qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. `DCS 2`, li permezz taghha giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` wiehed u ghoxrin-elf disa mija u erbgha u tmenin Ewro u erba` centezmi (€21, 984.04).*

*c. Cedola ta` Depozitu numru 430/16 tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 32/2014 fl-ismijiet Dr. Franco Galea (ID402381M) bhala mandatarju ufficjali ta` l-assenti Maurizio Savoca detentur tal-Codice Fiscale Italiano SVC MRZ5201627367 vs. Marinelli S.p.A (OC 537) f`ismimha u ghan-nom u in rapprezentanza ta` Marinelli Costruzioni S.p.A registrata gewwa Padova l-Italja bin-numru 01091090280, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. `DCS 3`, li permezz taghha giet depozitata s-somma ta` tmienja u ghoxrin-elf sitt mija u tmintax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmi (€28,618.47).*

*d. Cedola ta` Depozitu numru 431/16 tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-mandat ta` Sekwestru Numru 438/2012 fl-ismijiet Saliba Bros, Ltd (C 2295) vs. Marinelli Costruzioni s.p.A (OC 537), li kopja taghha qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. `DCS 4`, li permezz taghha giet depozitata s-somma ta` hamsa u ghoxrin elf, disa` mija u sittax-il Ewro, u hamsa u tmenin centezmi (€25,916.85).*

*Illi s-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537) fis-somma ta` tlett mija u tmienja u erbghin elf mitejn u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmi (€348,271.53), flimkien mal-imghaxxijiet legali dekorribli fuq dan l-ammont b`effett mil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), u kif ukoll spejjez tac-Centru Malti ta` l-Arbitagg fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin elf disa` mija u tlett Ewro u erba` centezmi (€25,903.04), u dan permezz ta` sentenza mghotija mic-Centru Malti ta` l-Arbitragg fl-erbatax (14) ta` Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet `Decorative Concrete Services Co. Ltd vs. Marinelli Costruzioni SpA`, Arbitragg Numru 3987/2014. Kopja tas-sentenza u taxxa relativa hawn annessi u mmarkati bhala Dok. `DCS 5` u Dok. `DCS 6`.*

*Illi l-esponenti ottjeniet ukoll il-hrug ta` mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Numru 577/2014, fl-ismijiet Decorative Concrete services Limited (C 27994) vs. Maurizio Savoca Corona (Nru. Tal-Passaport AA 5329317) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Marinelli Costruzioni S.p.A (Nru. Ta` Registrazzjoni 01091090280) datat hmistax (15) ta` April elfejn u erbatax (2014), kopja tal-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv hawn annessa u mmarkata bhala dok. `DCS 7`, liema mandat giet segwit b`nota wara li inghatat is-sentenza surreferita sabiex jigi estiz l-effett tieghu bhala mandat ezekuttiv skond artikolu 838B tal-Kap 12.*

*Illi wara li ottjeniet it-titolu ezekuttiv hawn fuq imsemmi, is-socjeta` rikorrenti iskriviet Ipoteka Generali bin-numru 2012 insinwata nhar il-wiehed u tletin (31) ta` Jannar elfejn u sbatax (2017), skond ma jirrizulta mir-ricerki tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A hawn annessi u mmarkati bhala `DCS 8`.*

*Illi fid-disa u ghoxrin (29) ta` Settembru elfejn u sittax (2016) il-Prim` Awla tal-qorti Civili permezz ta` sentenza dwar konkors ta` kredituri fl-ismijiet V & C Contractors Limited vs. Marinelli Costruzioni S.p.A (Ref: 540/14 JZM), konkors simili ghal dak li qieghed jintalab permezz tar-rikors odjern, ddecidiet dwar it-tqassim tal-flus iddepozitati permezz ta` Cedoli ohrajn intavolati ferm qabel dawk li ghalihom qed issir referenza fl-okkju ta` dan ir-rikors, liema cedoli gew iddepozitati fis-sena 2016;*

*Illi whud mil-kredituri tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A fil-konkors surriferit kienu iskrivew Ipoteki Generali bin-numri 009765 u 003789, li sal-llum ghadhom vigente u ma gewx kkancellati stante illi l-esponenti kienu ottjenew l-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju, li aktar tard gie estiz ghal wiehed ezekuttiv fl-hmistax ta` April tas-sena elfejn u erbatax (2014) bin-numru 577/14.*

*Illi fuq l-imsemmija depoziti konkorrew kredituri ohra u ghadhom veljanti diversi mandati u ghalhekk il-Qorti baqghet ma ordnatx l-izbank taghhom.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti bhala kreditrici tal-imsemmija Marinelli Costruzioni S.p.A tippretendi s-somma ta` tlett mija u tmienja u erbghin elf mitejn u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmi (€348,271.53), flimkien mal-imghaxxijiet legali dekorribli fuq dan l-ammont b`effett mil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), kif ukoll spejjez tac-Centru Malti ta` l-Arbitragg fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin elf disa` mija u tlett Ewro u erba` centezmi (€25,903.04), izda ma tistax tohodha mill-ammonti depositati fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunal ghaliex hemm ohrajn li jippretendu ukoll, jew jidrilhom li ghandhom interess fl-ammonti hemm depositati b`mod li hemm issa lok ghall-ftuh ta` konkors fuq dawk id-depositi bejn il-krredituri tal-imsemmija Marinelli Costruzioni S.p.A.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti, filwaqt li tirriserva li ggib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi, titlob bir-rispott lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tordna l-ftuh tal-konkors tal-krredituri, ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) fuq id-depoziti li saru permezz tac-Cedoli ta` Depozitu enumerati 428/16, 429/16, 430/16, 431/16; u*

*2. Tordna l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-Artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), bl-abbrevjazzjoni tat-termini minhabba n-natura kummercjali tal-kreditu, u dan skond l-Artikolu 416(3) tal-istess Kap.12.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet li tat fl-14 ta` Marzu 2017 a tenur ta` l-Art 416 tal-Kap 12.

**Rat id-digriet li tat fit-13 ta` Novembru 2017 fejn Decorative Concrete Services Limited, Saliba Bros. Limited, Terracore Limited u Vitruvius Limited, bhala krredituri ta` Marinelli Costruzioni S.p.A., kienu ammessi jikkonkorru fil-procediment odjern.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors ta` dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Ic-cedoli ta` depozitu</u>

Il-konkors tal-lum qed isir fuq l-import ta` erba` cedoli ta` depozitu.

Id-dettalji tac-cedoli huma dawn :-

a) **Cedola ta` depozitu nru. 428/16** tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru nru. 1605/11 fl-ismijiet **<u>Vitruvius Ltd vs Marinelli Costruzioni S.p.A</u>**, li permezz taghha kienet depozitata that l-awtorita` tal-qorti s-somma ta` €314,676.26 (fol 6 u 7).

b) **Cedola ta` depozitu nru. 429/16** tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru nru. 442/12 fl-ismijiet **<u>V & C Contractors Limited vs Marinelli Costruzioni S.p.A</u>**, li permezz taghha kienet depozitata taht l-awtorita` tal-qorti s-somma ta` €21, 984.04 (fol fol 9 sa 10).

c) **Cedola ta` depozitu nru. 430/16** tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru nru. 32/2014 fl-ismijiet **<u>Dr. Franco Galea noe vs Marinelli S.p.A (OC 537) pro et noe,</u>** li permezz taghha kienet depozitata s-somma ta` €28,618.47 (fol 12 sa 13).

d) **Cedola ta` depozitu nru. 431/16** tad-Direttur Generali ghal Strategy and Support Services tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, wara l-Mandat ta` Sekwestru nru. 431/2012 fl-ismijiet **<u>Saliba Bros, Ltd. vs Marinelli Costruzioni S.p.A</u>**, li permezz taghha kienet depozitata s-somma ta` €25,916.85 (fol 15 sa 16).

**<u>Total ta` €391,195.62</u>.**

## III. <u>Il-konkorrenti</u>

Wara li kienet finalizzata l-procedura skont l-Art 416 tal-Kap 12, kienu ammessi jikkonkorru ghall-import tac-cedoli ta` depozitu :-

**Decorative Concrete Services Limited**
**Saliba Bros. Limited**
**Terracore Limited**
**Vitruvius Limited**

## IV. Provi

### 1. Decorative Concrete Services Limited

Steven Ellis – Direttur Manigerjali - Decorative Concrete Services Limited – xehed illi bis-sahha ta` decizjoni moghtija mic-Centru Malti ghall-Arbitragg fl-14 ta` Ottubru 2016 fl-ismijiet *Decorative Concrete Services Co Ltd vs Marinelli Costruzioni S.p.A (Nru. 3987/2014),* il-kumpannija kienet dikjarata kreditrici ta` Marinelli Costruzioni S.p.A ghall-ammont ta` EUR 348,281.53 flimkien ma` l-imghax legali li beda jiddekorri mill-25 ta` Mejju 2012. Is-socjeta` debitrici kellha thallas ukoll l-ispejjez legali relatati mal-procedura ta` arbitragg fl-ammont ta` EUR 25,903.04.

Kompla jixhed illi fil-kors tal-arbitragg kien prezentat mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontra Marinelli Costruzioni S.p.A, li wara d-decizjoni tal-arbitragg, il-mandat kien konvertit ghal mandat esekuttiv.

Stqarr illi fil-31 ta` Jannar 2017 kienet registrata ipoteka generali Nru 2012/17.

Kompla stqarr illi sal-lum Decorative Concrete Services Limited ghadha ma thallsitx il-kreditu taghha. Ghandha tiehu :-

(i) EUR 348,281.53 u cioe` l-ammont originali ;
(ii) EUR 25,903.04 u cioe` l-ispejjez tal-arbitragg ;
(iii) EUR 1,018.03u cioe` VAT dovut fuq is-servizzi legali ; u
(iv) EUR 152,519.43 u cioe` imghax dovut bejn il-25 ta`Mejju 2012 sat-13 ta` Novembru 2017.

B`hekk l-ammont dovut sat-13 ta` Novembru 2017 kien ta` EUR 527,722.03c. Wara t-13 ta` Novembru 2017, kompla jakkumula aktar imghax.

**2. Saliba Bros. Limited**

**Vince Saliba** – ghal Saliba Brothers Limited – xehed illi skont sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` Novembru 2011 fil-kawza Rik. Gur. Nru. 329/12 AF, Saliba Brothers Limited kienet kanonizzata kreditrici ta` Marinelli Construzioni S.p.A. fl-ammont ta` EUR 25,916.85c bhala sorte kif ukoll EUR 2,220.33 bhala spejjez skont taxxa ufficjali rilaxxjata mir-Registru tal-Qrati. L-imghax beda jiddekorri mit-23 ta` April 2012. Sad-data tax-xiehda tieghu, kien lahaq akkumula imghax ta` EUR 11.403.31c.

Kompla jixhed illi d-dejn baqa` ma thallasx. Ghalhekk saret ipoteka generali Nru. I 3789/13 datata 25 ta` Marzu 2013.

Stqarr illi l-kreditu taghhom kien jippregradwa dak dovut lill-kredituri konkorrenti l-ohra. Fil-kaz ta` Decorative Concrete Services Limited, l-ipoteka generali taghha kienet registrata fil-31 ta` Jannar 2017.

Kompla stqarr illi permezz ta` procedura ohra ta` konkors ta` kredituri Nru. 540/14 JZM fl-ismijiet *V & C Contractors Limited vs Marinelli Costruzioni SpA* li kienet deciza fid-29 ta` Settembru 2016, kien dikjarat illi Saliba Brothers Limited kienet tikklassifika it-tieni wara V & C Contractors Limited. Hemm kien sodisfatt il-kreditu kollu ta` V & C Contractors Limited, u Saliba Brothers Limited thallset EUR 1,717.85.

Fisser illi l-kumpannija ghandha tkun ghandha tigi awtorizzata tizbanka EUR 39,540.59, flimkien ma` EUR 1,564.60 li kienu l-ispejjez gudizzjarji tal-konkors l-iehor, u jitnaqqas l-ammont ta` EUR 1,717.85 li kien thallas in parte b`rizultat tal-konkors precedenti. Il-pretensjoni taghhom hija ta` EUR 39,387.34 b` rizerva ghall-hlas ta` imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.

**3. Terracore Limited**

**Alfred Xerri** – direttur ta` Terracore Limited – xehed illi skont sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta` Settembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet *Terracore Limited vs Marinelli Costruzioni SpA (Avviz Nru. 183/2012 JAB),* Marinelli Costruzioni SpA kienet ikkundannata thallas lil Terracore Limited is-somma ta` EUR 5,994.40 kif ukoll l-imghax u l-ispejjez. It-titolu ezekuttiv kien iskritt permezz ta` ipoteka Nru. H 13737/2015.

Sad-data tax-xiehda tieghu, l-ammont spettanti lil Terracore Limited kien jammonta ghal : (i) EUR 5,994.40 bhala sorte (ii) EUR 2,755.11 bhala imghax

bejn it-12 ta` April 2012 u d-9 ta` Jannar 2018 u (iii) EUR 765.87l, EUR 177.76 u EUR 71.56 bhala spejjez legali : total ta` EUR 9,764.70c.

Kompla jixhed illi minkejja li sar depozitu ta` EUR 5,994.40 permezz ta` cedola Nru. 640/16 u sar rikors ghal zbank fit-30 ta` Marzu 2016, l-izbank kien baqa` mhux awtorizzat.

4. **Vitruvius Limited**

**Joseph Cassar** – direttur ta` Vitruvius Limited - xehed li l-kumpannija hija kreditrici ta` Marinelli Costruzioni SpA fis-somma ta` EUR 314,676 flimkien mal-imghax mis-16 ta` Novembru 2011. Saret kawza u mandat ta` sekwestru. Il-kawza kienet deciza favur Vitruvius Limited.

Kompla jixhed illi l-ammonti dovuti jirrapprezentaw hlas ghal servizzi li nghatat Marinelli Costruzioni SpA. Is-servizzi kienu jinkludu kiri ta` ingenji u nies. Vitruvius Limited kienet il-*main subcontractor* ta` Marinelli Costruzioni S.p.A.

V. **Osservazzjonijiet**

Wara li semghet ix-xiehda u rat id-dokumenti li gab kull kreditur konkorrent biex isostni l-istanza tieghu, il-Qorti ghandha dazwn l-osservazzjonijiet x`taghmel :-

1. **Decorative Concrete Services Limited**

B`decizjoni arbitrali tal-14 ta` Ottubru 2016, Decorative Concrete Services Limited kienet kanonizzata kreditrici ta` Marinelli Construzioni S.p.A (fol 17 sa 30). Il-kreditu jikkomprendi spejjez u VAT.

Sar mandat ta` sekwestru kawtelatorju Nru. 577/2014 (fol 32 sa 35).

Dan l-att kien konvertit ghal att ezekuttiv skont l-Art 838B tal-Kap 12 ghall-ammont ta` EUR 348,271.53 bhala sorte + EUR 125,377,75 bhala imghax b`effett mill-25 ta Mejju 2012 + EUR 25,903.04 bhala spejjez (fol 36 sa 37).

Kienet iskritta ipoteka generali Nru. H/2012/2017 fil-31 ta` Jannar 2017 (fol 45).

Il--Qorti tinnota li diskrepanzi fl-ammont tas-sorte skont il-lodo arbitrali.

Fil-pag 1 jinghad illi l-ammont pretiz minn Decorative Concrete Services Limited kien dak ta` EUR 384,271.53 bhala valur ta` servizzi u EUR 124,970.65 bhala danni.

Fil-pag 17 terga` ssir referenza ghall-ammonti ta` EUR 384,271.53c u EUR 124,970.65c.

Imbaghad fil-lodo jinghad :-

> "*Therefore, this Tribunal concludes that claimant Company has proven its claim up to the degree required by law on a basis of probability, save for its claim for damages which this Tribunal finds to be unfounded as no such compensation was agreed to in terms of the Subcontract agreement 16th February 2011.*"

U jkompli jinghad illi Marinelli Construzioni S.p.A kienet ser tkun ikkundannata thallas "*the sum of three hundred and eighty four thousand, two hundred and seventy-one Euros and fifty-three cents (EUR 348,271.53) …*"

Jidher ghalhekk li l-ammont dovut kien dak ta` EUR 384,271.53c u mhux dak erronjament imnizzel fil-parentesi.

Jidher li dan l-izball baqa` sejjer ripetut peress li kemm fl-atti tal-mandat ta` sekwestru bin-numru 577/2014 a fol 36, u fl-iskrizzjoni tal-ipoteka generali bin-numru H/2012/2017 a fol 45, dejjem gie indikat bhala sorte l-ammont zbaljat ta` EUR 348,271.53c.

Fl-affidavit tad-Direttur Manigerjali ta` Decorative Concrete Services Limited, is-sorte rega` kien erronjament indikat bhala EUR 348,281.53c.

Fl-isfond ta` dan kollu, il-Qorti tqis illi s-sorte korrett huwa EUR 384,271.53c.

Izda l-ammont li kien effettivament kawtelat bil-mandat ta` sekwestru u bl-iskrizzjoni ipotekarja kien ta` EUR 348,271.53c.

Ghalhekk l-imghax legali dovut mill-25 ta` Mejju 2012 sad-data tal-hlas effettiv ghandu jigi kkalkolat fuq EUR 384,271.53c.

Madanakollu huwa biss l-ammont ta` EUR 348,271.53c u l-imghax fuqu li ser jigi meqjus li ghandu jippregradwa krediti ohra.

Id-differenza bejn EUR 384,271.53c u EUR 348,271.53c, ossija EUR 36,000, flimkien ma` l-imghax fuq l-istess somma sejra titqies bhala kreditu kirografarju.

L-imghax fuq EUR 348,271.53c dovut mill-25 ta` Mejju 2012 sal-25 ta` Frar 2018 jammonta ghal EUR 160,204.90c.

L-imghax fuq is-somma ta` EUR 36,000 dovut mill-25 ta` Mejju 2012 sal-25 ta` Frar 2018 jammonta ghal EUR 16,560.

L-imghax fuq entrambi l-ammonti jibqa` ghaddej sad-data tal-hlas effettiv.

**2. <u>Saliba Bros. Limited</u>**

Skont sentenza moghtija fit-28 ta` Novembru 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Rik. Gur. Nru. 329/12 AF, Saliba Bros. Limited kienet kanonizzata kreditrici ta` Marinelli Costruzioni S.p.A fis-somma ta` EUR 25,916.85c, bl-imghax legali mid-data ta-notifika tar-rikors promotur ossija it-23 April 2012 sal-hlas effettiv (fol 82 sa 85 u fol 138 sa fol 141), u l-ammont ta` EUR 2,220.33c bhala spejjez eskluza l-VAT fuq id-drittijiet (fol 86 sa 87 u fol 142 sa 143).

L-imghax relattiv dekors mit-23 ta` April 2012 sat-23 ta` Frar 2018 jammonta ghal EUR 12,094.53c.

Il-VAT kien jammonta ghal EUR 230.33c.

Favur Saliba Bros. Limited, hemm ipoteka gudizzjarja, liema ipoteka ggib in-numru tal-insinwa H 3789/2013 datata 25 ta` Marzu 2013 (fol 41 u ezebita mill-gdid a fol 88 u a fol 147).

Ghalhekk l-ammont shih dovut (eskluzi biss l-imghaxijiet mit-23 ta` Frar 2018 sad-data tal-hlas effettiv) huwa EUR 40,462.04 (EUR 25,916.85c + EUR 12,094.53c + EUR 2,220.33c + EUR 230.33c)

Permezz ta` konkors ta` kredituri iehor, precedenti ghal dan tal-lum, li jgib in-Nru 540/2014 JZM, u li kien jittratta tlett cedoli ta` depozitu ohra, fil-konfront ta` Marinelli Costruzioni S.p.A (fol 89 sa 98 u fol 149 sa 158), Saliba Bros. Limited thallset parti zghira mill-ammont dovut lilha, u nkorriet spejjez ammontanti ghal EUR 1,327 (fol 99 – 100 u fol 159 sa 160) flimkien ma` EUR 237.60c bhala VAT. Minn dak il-konkors, Saliba Brothers Limited thallset biss is-somma ta` EUR 1,717.85c (fol 161).

Fil-procediment tal-lum, Saliba Brothers Limited talbet li tithallas ukoll l-ispejjez li kienet inkorriet fil-konkors precedenti fl-ammont ta` EUR 1,564.60c.

Madanakollu, minn qari tad-decizjoni li nghatat fil-konkors precedenti, jirrizulta li l-ispejjez kollha rigwardanti dak il-konkors kellhom jithallsu minn V & C Contractors Limited, liema spejjez ippregradwaw il-krediti l-ohra.

Ghalhekk ghall-ispejjez ta` Saliba Bros. Limited li diga` kien hemm decizjoni dwarhom u li ghaddiet in gudikat fil-konkors l-iehor, it-talba dwar dawk l-ispejjez ta` Saliba Bros. Limited kif impostata fil-procediment tal-lum qeghda tkun respinta.

Dan ifisser illi mill-ammont ta` EUR 40,462.04 (eskluzi biss l-imghaxijiet mit-23 ta` Frar 2018 sad-data tal-hlas effettiv) ser titnaqqas is-somma ta` EUR 1,717.85c.

B`hekk l-ammont dovut (eskluzi biss l-imghaxijiet mit-23 ta` Frar 2018 sad-data tal-hlas effettiv) huwa ta` EUR 38,744.19c.

## 3. Terracore Limited

Din is-socjeta` kienet kanonizzata kreditrici ta` Marinelli Costruzioni S.p.A b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza Avv. Nru. 183/2012

JAB ghall-ammont ta` EUR 5994.40, bl-imghax legali mit-18 ta` April 2012 sad-data tal-hlas effettiv (fol 121 sa 123), bl-ispejjez relattivi ghall-procedura gudizzjarja, tal-ittra ufficjali tas-7 ta` Mejju 2012, u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1322/12 ammontanti ghal EUR 938.06, u VAT ta` EUR 77.13 (fol 166 sa 168).

L-imghax dekors bejn it-18 ta` April 2012 u t-18 ta` Frar 2018 kien ta` EUR 2,797.35c.

L-imghax ulterjuri baqa` jiddekorri.

It-total dovut eskluz l-imghax b`effett mit-18 ta` Frar 2018 sad-data tal-hlas effettiv huwa EUR 9806.94c (EUR 2,797.35c +EUR 1015.19c +EUR 5994.40c)

Kienet iskritta ipoteka gudizzjarja H/13738/2015 fis-6 ta` Awissu 2015 (fol 44 u fol 124).

**4. Vitruvius Limited**

Din il-kumpannija qed tivvanta kreditu favur taghha ta` EUR 314,676.26c.

Ipprezentat mandat ta` sekwestru **kawtelatorju** Nru 1605/2011 ghas-somma ta` EUR 314,676.26c (Dok VL 2).

Min-nota ezebita fis-16 ta` Jannar 2018 u in linea max-xiehda tar-rapprezentant taghha, is-socjeta` pprezentata kawza Rik. Gur. Nru. 1194/11 SM.

Madanakollu, kopji ta` l-atti ma gewx ezebiti billi skont in-nota tas-16 ta` Jannar 2018, il-process bl-atti ma setax jigi rintraccjat fir-Registru tal-Qorti.

**Il-Qorti tosserva li minn ricerki li ghamlet hija stess, irrizulta l-kawza kienet giet kancellata fil-15 ta` Jannar 2015.**

**L-osservazzjoni tal-Qorti hija konfermata anke minn nota li pprezentat Decorative Concrete Services Limited.**

Ma rrizultawx iskritti ipoteki.

Ghalhekk, stante n-nuqqas ta` provi, il-kreditu pretiz minn Vitruvius Limited mhux titolu ezekuttiv.

B`zieda ma` dan, il-Qorti hadet konjizzjoni tac-cedola ta` depozitu 428/2016 wara l- mandat ta` sekwestru **kawtelatorju** 1605/2011 fl-ismijiet : **Vitruvius Ltd. vs Marinelli Costruzioni S.p.A**

Ma kienux prezentati atti li juru li dan il-mandat kawtelatorju kien irtirat jew ma baqax fis-sehh wara kontro-mandat opportun.

Lanqas ma tressqu provi li dik ic-cedola ta` depozitu partikolari kienet kontestata bhala invalida jew nulla.

Il-kawza hija dwar konkors ta` kredituri.

**Ma jispettax lil din il-Qorti li tistharreg il-validita` tac-cedoli ta` depoziti li ghandha quddiemha. Il-parametri ta` din il-procedura huma kjarament ohrajn.**

**Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda xkiel li jzommha milli taghti provvediment, li jinvolvi flus depozitati bic-cedola 428/2016.**

## VI. Pregradwazzjoni

Abbazi tal-provi akkwisiti, din hija l-pregradwazzjoni :-

**Fl-ewwel grad :**

Saliba Bros Limited
ghas-somma ta` EUR 38,744.19c
bl-imghax ulterjuri kif fuq inghad fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju jsir finali u ghalhekk il-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih.

**Fit-tieni grad** :

Terracore Limited
ghas-somma ta` EUR 9,806.94c
bl-imghax ulterjuri kif fuq inghad fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju jsir finali, u ghalhekk il-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih ;

**Fit-tielet grad** :

Decorative Concrete Services Limited
ghas-somma ta` EUR 535,394.56c
bl-imghax ulterjuri kif fuq inghad fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju jsir finali;

**Fir-raba` grad** :

Decorative Concrete Services Limited
ghas-somma ta` EUR 52,560
bl-imghax ulterjuri kif fuq inghad fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju jsir finali,
b` dana illi peress li l-erba` cedoli ma fihomx fondi bizzejjed biex jithallas il-kreditu fit-tielet grad u li ghalhekk dan ser jibqa` parzjalment insodisfatt,
din il-kreditrici kirografarja mhjiex ser tithallas minn dawn ic-cedoli.

Fil-kaz ta` Vitruvius Limited, ladarba ma rrizultax ippruvat illi ghandu titolu ezekuttiv, ma tistax titqies bhala kreditur kirografiku.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-konkors billi –**

**Tiddikjara li mill-flus li huma depozitati taht l-awtorita` taghha permezz ta` c-cedoli ta` depozitu numru 428/2016, numru 429/2016, numru 430/2016 u numru 431/2016 ghandha :-**

Tithallas l-ewwel is-socjeta` Saliba Bros. Limited l-ammont ta` tmienja u tletin elf seba` mija erbgha u erbghin Ewro dsatax-il centezmu (EUR38,744.19c) bl-imghax ulterjuri mit-18 ta` Frar 2018 fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju jsir finali.

Fit-tieni grad, tithallas is-socjeta` Terracore Limited l-ammont ta` disat elef tmien mija u sitt Ewro erbgha u disghin centezmu (EUR9,806.94c) bl-imghax ulterjuri mit-18 ta` Frar 2018 fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju jsir finali.

Imbaghad fit-tielet grad tithallas is-socjeta` Decorative Concrete Services Limited il-bilanc li jifdal sabiex ikun sodisfatt parzjalment il-kreditu taghha.

Tiddikjara li wara li jkunu saru dawn il-hlasijiet, ma huwa sejjer jifdal xejn biex jithallas il-bqija tal-kreditu ta` Decorative Concrete Services Limited. Ghalhekk dak il-kreditu sejjer jibqa` nsodisfatt.

Tordna lis-socjeta` Decorative Concrete Services Limited sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, liema spejjez ghandhom fl-intier taghhom jippregradwaw fl-ewwel grad.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**